

# Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fir-Rabat

**Mario Fenech**

Wieħed mill-kwadri li hemm fil-Kolleġġjata ta' San Pawl fir-Rabat huwa dak tal-Madonna tal-Karmnu jew kif inhu magħruf l-aktar 'Tal-Erwieħ', huwa xogħol tal-artist Gianni Vella. Dan qiegħed fuq l-artal tal-oratorju u huwa l-unika xogħol li għandu Giann Vella f'din il-Knisja.



Ix-xogħol li fih dan il-kwadru huwa wieħed tassew sabiħ u jidher li hawn l-artist xtaq li joħroġ il-kapaċitajiet artistiċi tiegħu meta kien jaf li x-xogħol li kien ser jagħmel kien għal waħda mill-knejjes importanti li għandna fil-gżejjer tagħna.

Din il-knisja tiġbor fiha għadd kbir ta' xogħlijiet sbieħ u numru kbir ta' xogħlijiet oħra li hemm fil-Mużew tal-istess Knisja.

Il-Kult Karmelitan fl-inħawi tar-Rabat huwa wieħed antik u mifrux sew. Biżżejjed wieħed isemmi l-knisja wisq antika tal-Lunzjata fil-limiti tar-Rabat fejn għexu l-ewwel Karmelitani fl-inħawi, kif ukoll il-knisja tal-Lunzjata magħrufa bħala tal-Karmnu fl-Imdina fejn hemm wieħed mill-kunventi l-kbar ta' dawn il-patrijiet.

F'dan il-kwadru tar-Rabat naraw ix-xbieha tal-Madonna bil-bambin f'ħoġorha bilqiegħda fuq tron iffurmat minn sħaba bajdanija. Filwaqt li l-Madonna qiegħda żżomm b'idejha t-tnejn lill-Bambin Ġesù bil-wieqfa, dan qiegħed iżomm b'idejh merfugħa l-labtu tal-Karmelu li hawnhekk l-artist pinġieh bħal dak li jintlibes mal-għonq u mhux bi drapp kannella twil kif narawh fi kwadri oħra li jitratta dan is-suġġett.

Bil-wieqfa ħdejn il-Madonna naraw anġlu b'ħarsa ta' ħniena qiegħed iressaq lejn il-Madonna ruħ tajba biex din tiġi meħlusa mill-Purgatorju bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Karmnu. Il-Madonna bil-ħarsa ħelwa tagħha qiegħda turi lir-ruħ it-tajba lil binha Ġesù.

Fil-parti ta' fuq tat-tila l-artist pinġa numru t'anġli żgħar qegħdin jagħtu ġieħ lill-Madonna. Interessanti l-fatt li wieħed minn dawn l-anġli jidher qiegħed iferra' minn buqar kbir bħal nixxiegħa t'ilma li jirrappreżenta xita ta' grazzji li jinqalgħu permezz tal-kult Karmelitan.

Fil-parti t'isfel tal-kwadru wara l-blat tax-xifer tal-purgatorju tliet erwieħ oħra qegħdin iħarsu lejn il-Madonna f'ħarsa ta' talb bi ħniena fuq wiċċhom

Kwadru titulari f'dan l-Oratorju tal-Karmnu fil-Kolleġġjata ta' San Pawl fir-Rabat iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.